PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*
13 ta' Diċembru, 2020

# IN-NOVENA U L-MILIED

Ma' dan il-bullettin se tirċievu l-programm tal-Milied u tal-Kwaranturi. Din is-sena se jkollkom ċans ikbar biex tieqfu ftit u tieħdu sehem f'xi novena bi tħejjija għall-Milied. Fil-fatt se jkollna n-novena tat-tfal bħas-soltu u fil-ħin tas-soltu, novena fis-6.30pm għall-kbar u novena għal kulħadd li se tixxandar fuq Xejk TV mill-15 sat-23 ta' Diċembru. Nitolbukom biex għan-novena tat-tfal toqogħdu clusters tal-familji biex jidħlu aktar tfal.

Minħabba s-sitwazzjoni ta' bħalissa, fil-presbiterium ġie deċiż li għall-funerali bħalissa jkun hemm organist u kantant wieħed biss. Dan jgħodd sewwa meta l-kant jitmexxa mill-maestro tal-parroċċa jew xi ħadd imqabbad minnu kif ukoll meta jiġi mistieden xi ħadd minn parroċċa oħra. Din il-miżura tkompli sakemm jingħata avviż ieħor, meta jonqos il-periklu li qegħdin fih bil-pandemija.

Anke għall-quddiesa tat-8.30am ta' nhar ta' Ħadd, meta s-soltu jkollna l-kor kollu jkanta, għalissa se nillimitaw ruħna għal persuna waħda tkanta u organist. Nisperaw f'Alla li l-affarijiet imorru għall-aħjar u nibdew mill-ġdid bil-kor. Għalissa nibżgħu għal saħħitna.

Għall-Milied se jkun hemm il-possibbiltà li tqerru għand saċerdoti barranin li se jiġu hawnhekk. Kif taraw fil-programm, se jkollna mument ta' ċelebrazzjoni penitenzjali marbuta ma' quddiesa (24/12/20 fis-6.15pm)

***L-Arċipriet***

**Is-Siġra tal-Karità:** qiegħda armata l-Knisja sabiex tieħdu minnha t-tags imwaħħla u ġġibu karità skont dak li għandkom miktub fuq it-tag. Din is-sena ser ngħinu lil Jesuit Refugee Service, lil Għabex Emergency Shelter, lid-Dar tal-Providenza u l-Caritas ta' Għawdex u tal-parroċċa. Ejjew ngħinu lil dawn l-entitajiet ta' karità f'dawn iż-żminijiet diffiċli.

***Candle light Mass:*** din is-sena ser issir nhar il-Ġimgħa 18 ta' Diċembru fil-Knisja Bażilika fis-7.30pm. Kulħadd huwa mistieden jipparteċipa f'din l-Ewkaristija għad-dawl tax-xemgħa.

**Żjajjar lill-anzjani** - Iż-żgħażagħ taċ-Ċentru, għalkemm din is-sena ma jistgħux iżuru l-anzjani li jirċievu t-tqarbin id-dar minħabba raġunijiet ovvji tal-pandemija, xorta waħda ser iwasslulkom rigal ċkejken id-dar, nhar is-Sibt 19 ta' Diċembru bejn id-9.30am u l-11.30am.

## AVVIŻI OĦRA:

**IL-GRUPP TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** se jiltaqa' nhar it-Tnejn, 14 ta' Diċembru fil-Kappella tas-Sorijiet. Fl-4.10pm jibda r-Rużarju mbagħad fl-4.30pm ikun hemm quddiesa. Kulħadd huwa mistiednen.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa li ġej, 16 ta' Diċembru, fil-Bażilika tan-Nadur, fis-6.00pm. Se titmexxa mill-Kan. Dun Karm Portelli. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll fuq *Mnarjalive*.

***MA' ALLA FIL-ĠNIEN:*** dan huwa t-titlu tal-ktejjeb kollu lwien li kiteb l-Arċipriet u li ġie ddisinjat mill-artista grafika Maria Camilleri. Tistgħu takkwistawh miċ-ċentru taż-żgħażagħ jew mill-Uffiċċju Parrokkjali għall-prezz ta' €6. Il-ktejjeb jista' jkun rigal għall-ħbieb tiegħek. Għandu jixtrih kull min jaħdem fl-għelieqi u kull min jixtieq jinqeda bin-natura biex ifaħħar lil Alla. Il-qligħ mill-bejgħ tal-ktejjeb se jmur għaċ-Ċentru Pastorali.

**IT-TQASSIM TAL-KALENDARJU:** iż-żelatriċi li s-soltu jiġbru għall-Kwaranturi huma mitlubin li jiġu l-Uffiċċju Parrokkjali sabiex jiġbru l-kalendarji biex jitqassmu fid-djar. Dawk li ma jkunux id-dar xħin jiġu jqassmulhom il-kalendarju jistgħu jiġbru wieħed mill-Uffiċċju Parrokkjali, nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa jew il-Ġimgħa mid-9.00am sal-11.30am.

**GRAZZI LILL-KUNSILL LOKALI:** nirringrazzjaw lill-Kunsill Lokali tan-Nadur għall-offerta sabiħa ta' €1,900 li għamel lill-Parroċċa biex tittella' wirja dwar il-Beatu Carlo Acutis u l-materjal li dan l-istess Beatu kien ħejja fuq il-mirakli Ewkaristiċi. Iktar 'il quddiem Mons. Salv Muscat se jieħu ħsieb li flimkien ma' kumitat imwaqqaf apposta, itellgħu din il-wirja hawnhekk fil-parroċċa.

**SENA ĊENTINARJA - 10:** Il-Manwal tal-Leġjun ta' Marija fih tagħlim ta' formazzjoni biex il-membri jissaħħu f'rabta mal-komunità parrokkjali, mar-ragħajja spiritwali u fuq kollox f'għaqda fi ħdan il-Ġisem Mistiku ta' Kristu.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am